Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Supt. Paul Sammut)**

**- vs -**

**Teddy Grima**

Seduta tal-lum 19 ta’ Lulju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Teddy Grima, bin Patist u Mary Jane nee Buttigieg, akkuzat talli fis-6 ta’ Jannar, 1995 ghal habta tas-7.30 pm fi Mgarr Road, Ghajnsielem ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Salvu Attard ta’ 31 sena, minn Ghajnsielem, Ghawdex.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (4) tal-kap 9 sabiex il-kaz tal-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ April 1997;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet fl-ewwel lok ir-rinunzja tal-kwerelant vittma ghal dak kollu li ghamillu l-imputat, izda din l-akkuza mhix wahda rinunzjabbli u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi;

Salvatore Attard xehed kif fid-datat tal-incident kien qed jirritorna lura d-dar meta ra xi nies b'"torch" f'idejhom juru fil-bitha tieghu. Huwa beza ghax hasibhom hallilin u ghalhekk fetah il-bieb tal-garage u xeghel id-dawl biex juri li kien qieghed hemm u sema lill xi hadd jghajjatlu. Meta hareg mill-bieb ra lill-Dr. Charlie Galea li talbu biex javvicina u Attard ried ikun jaf ghaliex kienu gew bla avviz meta l-Avukat Galea wiegbu li kien avzah permezz ta' fax. Dak il-hin gie l-imputat fuqu u qallu dan is-segwenti diskors: "jekk tipprova tehodha mieghi niklok" (fol 24) u tah daqqa ta' torch. Dr. Galea gibed lill-Attard lura meta l-imputat rega tah daqqa ta' torch ohra u ttiehed l-isptar biex jiddewwa fejn sarulu xi punti f'wiccu.

Dr. Carmelo Galea ikkonferma dak li qal Attard hlief li dan tal-ahhar u l-imputat kienu illatikaw u gew fl-idejn qabel id-daqqa ta' Grima wara li Attard kien imbotta lill-Grima.

Dr. Anton Refalo kien ukoll xhud tal-incident u ikkonferma li l-ewwel li qala l-inkwiet kien Salvatore Attard meta imbotta lill-imputat u tefaghlu t-torch ma' l-art u prova jahbat ukoll ghal-Dr. Refalo.

L-imputat ikkonferma dak li qal Dr. Anton Refalo u zied jghid li bejnu u Attard kien hemm xi pendenzi ta' flus. Huwa ma marx biex jiggieled izda l-Attard kien xehtu mal-art u stordieh wara li kien tah daqqa ta' ponn. Aktar tard, l-imputat jghid li forsi xejjer xi daqqa ta' ponn lill-Attard wara li l-imputat sofra griehi f'geddumu u sarulu ukoll xi punti;

Ikkunsidrat illi ma hemm ebda dubbju illi l-imputat ikkawza l-griehi subiti minn Attard. Dawn il-griehi kienu debitament pruvati u provenjenti mill-agir tal-imputat;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikolu 218 (b) tal-Kap 9;

Wara li hadet in konsiderazzjoni il-mahfra tal-vittma u wara li rat il-fedina penali tal-imputat, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien tmintax-il xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 9 Kap 152.

Il-Qorti spejgat l-obbligazzjoni imposta b'din is-sentenza lill-imputat;

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur